KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

28 ta' Awissu 2010

Ref. 5/194/10

**Minuti tal-Laqgha Nru. 46**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar il-Hamis 26 ta' Awissu 2010. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Vici Sindku Borg, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsilliera Ebejer u l-Kunsillier Borg Myatt kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-Laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-laqgha Nru. 44**

1.1 - Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

1.2 – **Korrezzjonijiet**

Item 6.1 – ghandu jidhol il-kliem 'Is-Sindku qal li baghat *e-mail* lil kulhadd dwar fejn ser jitpoggew il-*bring-in-sites*'.

**1.3 - Materji Konessi**

1.31 - Is-Sindku qal biex tinhareg tender urgenti ghall-Iskema tal-PPP skond il-korrispondenza li nbghatet mid-Dipartiment.

1.32 - Il-Kunsillier Dalli qal li ghandna problema dwar in-nuqqas ta' staff u ghalhekk ghandna nibghatu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex inzidu l-istaff ghall-*full complement*.

**1.4 - Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru.45**

1.41 - Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

1.42 - Is-Sindku talab sospensjoni ta' l-agenda, biex il-Kunsill jiddiskuti Item 3 – Impjegat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**3. Impjegat tal-Kunsill**

3.1 - Is-Segretarju qal li minhabba li s-Sur Richard Sciberras kien imsiefer, ma setghax jithejja r-rapport b'mod komplet. Hu qal l-avukati Zrinzo u Ray Calleja ghas-Sur Sciberras u Dr Luciano Busuttil deher ghall-Kunsill Lokali Paola. Is-Segretarju kompla jghid li l-Avukati ddecidew li t-tahdidiet isiru bejn l-avukati biss. Is-Segretarju zied jghid li hu prezenta l-kaz tal-Kunsill u l-avukati pprezentaw l-kaz taghhom. Dr. Busuttil talab xi dokumenti li Dr Zrinzo u ghandha tghaddihom.

3.2 - Is-Segretarju qal li l-avukati tas-Sur Sciberras talbu biex jinghataw hmistax cans peress li kien ser ikun imsiefer u l-Avukat tal-Kunsill qabel ma' dan.

3.3 - Hu kompla jghid li l-parir ta' Dr.Busuttil hu li d-decizjonijiet ta' llum tal-Kunsill jintbaghtu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

3.4 - Il-Kunsill qabel unanimament mal-pariri ta' Dr.Busuttil.

**2. Korrispondenza**

2.1 – Is-Sindku qal li l-MLP Paola talbu permess lill-Kunsill biex jorganizzaw tombla fin-nofs fi Pjazza Antoine De Paule fejn hemm il-ballavostri. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

2.2 – Is-Sindku qal li ghandu stedina minghand Kunsill Spanjol.

2.3 – Il-Vici-Sindku staqsa lis-Sindku jekk din hijiex *holiday* ohra.

2.4 – Il-Kunsillier Dalli talab lis-Sindku jekk ghamilx rapport fuq il-mawra tieghu f'Calcinaia.

2.5 - Is-Sindku qal li ma ghamel l-ebda rapport.

2.6 – Il-Kunsillier Dalli nsista biex isir rapport ta' meta kien mar Calcinaia. Fin-nuqqas ta' dan ihoss li l-kunsill ma huwiex f'sitwazzjoni li jiddeciedi fuq din l-istedina.

2.7 - Il-Kunsillier Lynch qal li hu ukoll ihoss li l-istedina giet tard u ma hemmx bizzejjed informazzjoni u jhoss li ghandna niskuzaw ruhna li ma nistghux nattendu din is-sena izda din l-istedina ghandha tkun ikkunsidrata s-sena li gejja. Il-Kunsill qabel ma dan.

2.8 – Ittra minghand is-Sur Anthony Vella ta' Shoemark - dwar it-tindif tal-water culvert ta' quddiem is-Shoemark. Il-Kunsillier Seychell qal li l-ispralli li huwa responsabbli minnhu l-Kunsill gie imnaddaf. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat ittra lis-Sur Vella biex ninfurmawh li l-ispralli li huma responsabbilita' tal-Kunsill tnaddfu, izda l-ispralli li saru minn terzi persuni ma huwiex responsabbli minnhom il-Kunsill.

2.9 – Il-Kunsillier Seychell qal li r-residenti kellmuh biex jigi mnaddaf il-culvert ta' Paola Hill hdejn ir-Relax bar. Wara diskussjoni sar qbil li ngibu xi *pest killer* u nbixxu fl-ispralli minhabba l-wirdien. Il-Kunsillier Dalli ssuggerixxa li naghmlu hekk mar-rahal kollu. Is-Sindku qal li jekk ikun hemm bzonn xi trakk biex jitnaddfu l-culverts/spralli ghandna ngibuh.

2.10 – Is-Sindku ressaq ilment biex isir bozza gdida hdejn Carters Supermarket, bozza gdida fi Triq l-Isqof Pietru pace, fi Triq Maria Addolorata u aktar dawl fi Triq Ghajn Dwieli. Il-Kunsillier Seychell qal li ghandna napplikaw ghal permessi ma' l-Enemalta. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

2.11 – Is-Segretarju rega' gibed l-attenzjoni lill-Kunsill minhabba li l-Kunsill ghadu jahdem minghajr *budget* u *business plan.*

2.12 – Is-Sindku ressaq ilment biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Belt Valletta hdejn *Crosscraft*, fi Triq Tax-Xewk hdejn *Smash Radio*. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

2.13 - Is-Segretarju rega' gibed l-attenzjoni lill-Kunsill minhabba li l-Kunsill ghadu jahdem minghajr *budget* u *business plan.*

2.14 – Is-Sindku qal li r-*reserved parking* quddiem nru 128, Triq il-Foss trid titnehha minhabba li min kien juzaha miet.

2.15 – Il-*handyman* tal-Kunsill, is-Sur Anthony Gatt gibed l-attenzjoni li hemm problema mal-*Water Services Corporation* ghax ikissru l-bankini u ma jirrangawhomx sewwa.

2.16 - Is-Segretarju gibed l-attenzjoni li s-Sindku kellu jiltaqa' ma' l-avukat tal-Kunsill rigward ix-xoghol hazin li sar min-naha taghhom, fosthom *Church Avenue*, Triq ic-Cimiterju Etc.

2.17 - Is-Sindku qal li ser jiehu hsieb u jaghmel laqgha hu ma' l-Avukat.

2.18 - Il-membri tal-Kunsill qabblu li jifthu protest gudizzjarju kontra l-*Water Services Corporation* minhabba x-xoghlijiet li saru fi Triq il-Knisja, Pjazza Antoine De Paule, Mater Boni Consili, Triq Bormla, Triq ic-Cimiterju.

**4. Attivitajiet Settembru u Novembru 2010**

4.1 - Is-Sindku qal li fid-19 ta' Settembru 2010, il-Kunsill Lokali Paola bil-partecipazzjoni ta' l-Ghaqda Muzikali Kristu Sultan, ser jaghmlu attivita' Kulturali u Edukattiva'. Is-Sindku qal li l-Gvern ser johrog parti mill-fondi, il-Kunsill Lokali jhallas, u mbaghad il-Kunsill Lokali jithallas sa Dicembru 2010.

4.2 – Il-Kunsillier Dalli qal li l-Kunsill Lokali Paola jista' jghin biss, jekk il-fondi jigu approvati. Hu kompla jghid li peress li l-Kunsill Lokali Paola jista' jaghmel 2 attivitajiet biss, u l-Ghaqda muzikali Socjali Kristu Sultan applikaw ghall-attivita', il-Kunsill Lokali Paola ceda l-attivita' tal- baned ta' Novembru.

4.3 - Hu zied jghid li l-attivita' ta' Novembru 2010 ghandha tigi kkancellata. Hu ssugerixxa wkoll li jrid ikun hemm xi hadd prezenti mill-Kunsilliera fil-laqghat li ser isiru.

4.4 – Is-Sindku qal li ghall-attivita 'Milied Imdawwal' ta' Dicembru 2010, din is-sena jixtieq li jkun prezenti. Is-Sur Dalli qal li vapur b'2 kaptani ma jimxix. Is-Segretarju qal li fil-Minuti tal-Laqgha nru 44, item 5.2 kienet li l-Kunsillier Dalli ikun koordinatur.

4.5 - Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Dalli ghandu jkun koordinatur ta' l-attivita' Milied Imdawwal flimkien mal-Kunsillier Lynch.

4.6 – Il-Kunsillier Dalli ssugerixxa li jsir *meeting* u jtuna l-programm ta' l-attivita' ta' Settembru 2010.

4.7 – Il-Kunsillier Dalli qal li ghal konferenza u ghad-delegazzjoni ta' Paola Italia, jixtieq li jkollna attivita' ghax ser tkun il-gimgha ta' Kristu Re. Hu xtaq li parti mid-delegazzjoni taghhom, tkun il-banda taghhom flimkien mal-banda tas-Socjeta' Filarmonika GM Fra Antoine De Paule u ta' l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan.

4.8 - Il-Kunsillier Dalli ssugerixxa li ssir laqgha mas-Sur Malcolm Borg u wara nikkuntattjaw lil Dr Chris Said.

4.9 – Il-Kunsillier Dalli qal li ghal Novembru, irid isir programm ta' l-attivitajiet dwar il-gemellagg.

4.10 - Il Kunsill qabel li l-Kunsillier Dalli jhejji l-programm biex jitbaghat lit-Taljani.

4.11 – Il-Kunsillier Lynch qal li ser jorganizza mawra ghall-Ghawdex nhar il-Hamis 16 ta' Settembru 2010, ser jorganizza Lejla Kulturali nhar is-Sibt 25 ta' Settembru 2010 u ser jorganizza BBQ fic-Cerviola Hotel nhar is-Sibt 2 ta' Ottubru 2010. Hu qal ukoll li ser jorganizza l-Party ghall-Anzjani nhar il-Hamis 16 ta' Dicembru 2010. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

4.12 - Il-Kunsillier Seychell hareg mil-laqgha fit-7.45pm.

**5. *Ground* Pace Grasso**

5.1 - Il-Kunsillier Dalli qal li lbierah wara li mar fil-ground Pacce Grasso u organizza laqgha informali ma' l-Ispettur Brian Zammit, Tony Gatt u l-Kunsilliera Seychell, wasal ghal konkluzjonijiet li hemm imnizzla fir-rapport anness immarkat *doc A* u li qed jipprezenta l-Kunsill biex jigi adottat.

5.2 - Wara diskussjoni, il-Kunsill unanimament qabel li jadotta dan ir-rapport.

5.3 – Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Sinjura Claudette Abela Baldacchino ghal Programm Konfini stiednet lill-Kunsilliera biex jippartecipaw u biex il-Progett ta' Pace Grasso jidher fil-Programm Konfini. Il-Kunsillier Dalli qal li ma huwiex il-mument opportun biex ingibuh fl-istat li hu. Il-Kunsill qabel ma dan.

5.4 - Il-membri tal-Kunsill qabblu ukoll li napplikaw ukoll ghad-dawl u l-ilma.

**6. Pagamenti**

6.1 - Is-Segretarju gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li donazzjonijiet ma jistghux isiru. Is-Sindku ghalhekk ha l-inkarigu biex ikellem lis-Sur Michael Cohen bhala President ta' l-AKL biex jara kif ser jirranga.

6.2 - Il-membri tal-Kunsill qabblu li jithallsu l-kontijiet ta' l-attivita' tal-Karnival 2010 li l-Kunsill organizza flimkien mal-Parocca Kristu Re ghas-somma ta' mhux aktar minn €200 u jridu jigu pprezentati l-ircevuti.

Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.30pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 14 ta' Settembru 2010.

Approvati Llum ______________

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
sindku